



VERIFIKA TAL-QORTI TAL-AWDITURI TAS-SISTEMA TA' ĠESTJONI TAL-KAWŻI LI JITRESSQU QUDDIEM IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA U L-QORTI ĠENERALI TAL- UNJONI EWROPEA

*Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri ser jiġu integrati miż-żewġt iqrati mar-riflessjonijiet
imwettqa fuq l-organizzazzjoni tagħhom u l-metodi tagħhom ta' xogħol*

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija istituzzjoni ġudizzjarja b'karatteristiċi uniċi minħabba l-missjonijiet fdati mit-Trattati lill-qrati li jikkomponuha u fid-dawl tal-multilingwiżmu (24 lingwa uffiċjali) applikabbli għall-attivitajiet tagħha. Il-kwistjoni fundamentali għall-Qorti tal-Ġustizzja u għall-Qorti Ġenerali hija li jiġi żgurat livell għoli ta' kwalità tad-deċiżjonijiet tagħhom. Din il-kwalità timplika b'mod partikolari prijorità ta' ħeffa imma teżiġi wkoll ir-rispett tad-drittijiet tal-partijiet fil-kawża, korpus ġurisprudenzjali koerenti, u motivazzjoni ġuridika metikoluża tad-deċiżjonijiet.

Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea ġiet mistiedna mill-Parlament Ewropew twettaq verifika tas-sistema ta' ġestjoni tal-kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Iż-żewġt iqrati kkollaboraw attivament mal-Qorti tal-Awdituri matul dawn l-aħħar sentejn sabiex din il-verifika titwettaq sew fl-aħjar kundizzjonijiet u b'osservanza tal-prinċipju fundamentali tat-Trattat¹ li d-deliberazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali għandhom ikunu u għandhom jibqgħu sigrieti. Il-konklużjonijiet ta' din il-verifika, li qed jiġu ppubblikati llum, huma bbażati fuq analiżi tal-fażijiet differenti tal-proċedura, imwettqa fuq kampjun ta' 60 kawża (30 kawża tal-Qorti tal-Ġustizzja u 30 kawża tal-Qorti Ġenerali) fuq total ta' madwar 2 800 kawża magħluqa fl-2014 u fl-2015.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tikkonstata b'sodisfazzjon ir-rikonoxximent mill-Qorti tal-Awdituri tal-isforzi kostanti li l-qrati li jikkomponuha wettqu f'dawn l-aħħar snin sabiex itejbu l-effiċjenza fit-trattament tal-kawżi. Dawn l-isforzi ppermettew tnaqqis sinjifikattiv tat-tul fit-trattament tal-kawżi. Fil-fatt, f'għaxar snin (2006-2016), it-tul medju ta' kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tnaqqas minn 19.6 xhur għal 14.7 xhur, filwaqt li quddiem il-Qorti Ġenerali dan it-tul tnaqqas minn 25.8 xhur għal 18.7 xhur, u dan minkejja żieda kbira tal-kontenzjuż matul dan l-istess perijodu².

Barra minn hekk, il-verifika tal-Qorti tal-Awdituri twassal għal xi konklużjonijiet u tagħti diversi rakkomandazzjonijiet dwar l-evoluzzjoni ta' ċerti modalitajiet ta' trattament tal-kawżi u tal-organizzazzjoni tar-riżorsi li huma allokat għal dan l-iskop. Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali ser jintegraw dawn ir-rakkomandazzjonijiet mar-riflessjonijiet kontinwi tagħhom dwar it-titjib tal-metodi tax-xogħol tagħhom. Fl-aħħar nett, iż-żewġt iqrati jilqgħu favorevolment ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri intiżi għall-pubblikazzjoni ta' statistika iktar dettaljata, it-twaqqif ta' sistema informatika integrata kif ukoll li tingħibed l-attenzjoni tal-Istati Membri fuq il-bżonn li jiġu nnominati l-membri tal-istituzzjoni fl-iqsar żmien fil-każ tat-tmieni tal-mandat.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

¹ Artikolu 35 tal-Protokoll (Nru 3) dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

² Ara l-iSS Nru [17/17](#) : "Statistika ġudizzjarja 2016: it-tul tal-proċeduri jkompli jonqos għall-benefiċċju taċ-ċittadini".